# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030    Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

5/17

**Minuti tal-ħames laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 6 ta' April 2010, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |

1.0 Item 1: Talba

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

1.2 Il-laqgħa bdiet fis-6:20pm minħabba li l-uffiċċju tal-Kunsill kien bla dawl.

1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva email mingħand is-Sur Bugeja li kien jinsab ma jiflaħx u allura se jkun skużat għal din il-laqgħa.

1.4 Is-Sur Formosa talab għas-sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jitratta l-kwistjoni tal-bankina ta' Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill innota li dan is-suġġett jista jiġi diskuss bħala affarijiet li jitqajmu mill-minuti. Is-Sur Formosa rtira it-talba tiegħu.

2.0 Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti

2.1 Il-minuti tad-9 ta' Marzu 2010, tas-16 ta' Marzu 2010 u tad-29 ta' Marzu 2010 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

*Minuti tad-9 ta' Marzu 2010*

2.1.1 Minuta 4.0 ir-raba' vers: Jiżdiedu l-kliem 'u d-dawl' wara l-kelma 'manutenzjoni'.

2.1.2 Minuta 5.2: Fis-sentenza li tibda fit-tielet vers tat-tieni paragrafu jinqatgħu l-kliem 'mill-Kunsillier li applika' u minflok jidħlu l-kliem 'tal-Kunsill'.

2.1.3 Addenda ma minuta 5.4: 'Is-Sur Camilleri astjena għal fatt li huwa kien lest japprova infieq biss fejn hemm prijoritajiet partikolarment f'Misraħ Santa Venera'.

*Minuti tas-16 ta' Marzu 2010*

2.1.4 Minuta 1.11: Jiżdiedu l-kliem 'il-parti l-ġdida ta'' wara l-kelma 'Fuq'.

2.1.5 Minuta 2.4: Fit-tieni vers wara l-kliem 'Romeo Romano' jiżdied parenteżi '1 ta' Mejju 2010'

2.1.6 Addenda ma minuta 1.2: 'minħabba li s-Sindku ma laqgħetx it-talba aktar kmieni'.

2.1.7 Addenda ma minuta 2.2 l-ewwel paragrafu: 'Is-Sur Anastasi talab ukoll li l-Kunsill jiddiskuti it-tlett atti ta' vandaliżmu fi Ġnien Romreo Romano'.

2.1.8 Minuta 2.2 ir-raba vers tal-aħħar paragrafu jiżdiedu l-kliem 'minn ta' l-inqas' wara l-kelma 'recording'.

2.1.9 Minuta 3.4 it-tieni vers tar-raba' paragrafu: Titneħħa il-kelma 'il-liġi' u minflok jitniżżlu l-kliem 'regolamenti tal-Kunsilli Lokali'.

2.1.10 Addenda ma minuta 3.4 ir-raba' paragrafu: 'Il-Kunsill qabel li jerga jiffissa data'.

2.1.11 Minuta 3.4: L-aħħar sentenza tas-sitt paragrafu trid tiġi tinqara 'Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hi xi ħaġa purament amministrattiva u ma ssir b'ebda Kunsill Lokali ieħor'.

2.1.12 Addenda mas-seba' paragrafu ta' minuta 3.4: 'biex iħalli l-Kunsilliera jivvutaw b'mod liberu u talabha biex hu jkun infurmat bit-telefon bir-riżultat. Is-Sindku qalet li dawn m'humiex affarijiet tat-telefon'.

2.2 F'dan l-istadju (6:55pm) is-Sindku talbet sabiex il-laqgħa tiġi sospiża għal ħames minuti peress li kienet irċeviet telefonata li bħalissa qed isir vandaliżmu fi Ġnien Romeo Romano u riedet tmur iċċempel u tirraporta lill-Pulizija. Il-laqgħa tkompliet fis-7pm. Is-Sindku qalet li r-rapport sar lil PC 1566.

**3.0** <u>Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti</u>
*Mill-minuti tad-9 ta' Marzu 2010*

3.1 Minuta 3.2: Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċieva ittra mit-TM fejn dawn qed jitolbu lill-Kunsill jidentifika post alternattiv għal un/loading. Il-Kunsill qabel li jitlob it-TM tindentifika post hi u li jkun komdu u jservi għall-istabbilimenti kollha tal-madwar u mhux għal wieħed biss.

3.2 Minuta 4.0: Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa saret kif previst u issa s-Segretarju Eżekuttiv irid jaħdem breakdown ta' kif wasalna għat-tnaqqis u eventwalment il-Kunsill iħallas l-ammont imnaqqas. Il-Kunsill qabel li jitlob llill-Avukat jifformula kuntratt bil-miktub li jispeċifika li l-manutenzjoni u d-dawl mhux se jkunu a kariku tal-Kunsill.

3.3 Minuta 5.1: Is-Sur Sultana talab li jkollu kopja tal-ittra tas-Sindku fejn suppost talbet lill-banek jagħlqu l-kontijiet tal-fond. Is-Sindku qalet li l-kontijiet għadhom ma ingħalqux iżda poġġiet fuq il-mejda tal-kamra kopja tal-istatements tal-BOV u qalet li l-istatemets tal-HSBC waslu wkoll imma mingħajr letterhead.

Is-Sur Sultana innota ħruġ ta' €100 f'Jannar 2010. Is-Sindku qalet li daw ingħataw lid-Dar tal-Providenza fil-kampanja ġbir tal-RTK.

Is-Sur Sultana staqsa fiex waslet l-inkjesta. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li l-Onor Chris Said infurmah li hu kien talab l-intervent tal-Awditur Ġenerali.

3.4 Minuta 5.4: Is-Sur Formosa qal li l-kuntrattur tal-bankini ma kienx qed jaħdem fuq il-bankina ta' Triq il-Kbira San Ġużepp skond id-deċiżjoni tal-Kunsill meħuda aktar kmieni u dan għax il-kuntrattur kien qed ipoġġi xi madum. Qal li meta staqsa lill-kuntrattur, dan qallu li ingħata ordni mill-Kunsill. Qal ukoll li inbidlu xi servizzi liema xogħol ukoll ma kienx mitlub mill-Kunsill.

3.4.1 Is-Sur Formosa qal li nhar il-Ħamis 1 ta' April 2010, meta hu u s-Sur Anastasi innutaw b'dan kollu, ġie l-uffiċċju tal-Kunsill biex ikellem lis-Segretarju Eżekuttiv iżda dan kien bil-leave. Għalhekk hu ċempel lis-Sindku. Is-Sur Formosa allega li s-Sindku qaltlu li l-istruzzjoni inħarġet mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ċaħdet li qalet hekk lis-Sur Formosa. Hi qalet li qaltlu biss li ippruvat iċċempel lis-Segretarju Eżekuttiv iżda ma rnexxiliex taqbdu.

3.4.2 Is-Sindku iddikjarat li nhar il-Ħamis 1 ta' April 2010 irċeviet telefonata minn uffiċċjal tal-kumitat taż-żjara tal-Papa u offrielha li jissuplixxi lill-Kunsill numru ta' madum li jkopru minn kantuniera ma Triq l-Imsida sal-bankina ta' quddiem l-istitut Apap u hi aċċettat. Hi ammettiet li din ma kienetx skond id-deċiżjoni tal-Kunsill u ma kienet ikkomunikat jew ikonsultat ma ħadd. Qalet ukoll li kien għalhekk li s-Segretarju Eżekuttiv ġustament waqqaf ix-xogħol milli jitkompla. Is-Sur Anastasi qal li skond il-ħaddiema fuq il-post, il-madum kien se jservi biss minn kantuniera ta' Triq l-Imsida sa fejn il-ħanut Gejtu Camilleri.

3.4.3 F'dan l-istadju (8:50pm) is-Sur Briffa daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

3.4.4 Is-Sur Anastasi talab li jkun jaf l-isem tal-uffiċċjal tal-kumitat taż-żjara tal-Papa. Is-Sindku wieġbet li l-uffiċċjal hu d-Deputy Chairman tal-Kumitat is-Sur Silvio Farrugia.

3.4.5 Is-Sur Camilleri qal li importanti li madum ikun hemm biżżejjed sal-istitut Apap għax inkella ma jaqbilx. Is-Sindku qalet li madum hemm biżżejjed anzi hemm ħsieb ukoll li aktar tard ningħataw madum għal parti oħra tal-bankina fl-istess triq. Is-Sur Anastasi xtaq li din l-informazzjoni tingħata lill-Kunsill bill-miktub.

3.4.6 Is-Sindku iddikjarat li ħadd ma ta struzzjoni lill-kuntrattur minn fejn jibda u allura beda minn hemm b'mod każwali. Iddikjarat ukoll li ma kienetx taf li beda jitwaħħal il-madum. Is-Sur Formasa qal li bħala Sindku dan suppost kienet tafu.

3.4.7 Is-Sur Formosa irrifera għall-email tas-Segretarju Eżekuttiv ikkupjata lill-Kunsilliera kollha fejn kiteb li s-Sindku qaltlu li hi s-Sindku u tista tieħu deċiżjonijiet waħeda. Is-Sindku iddikjarat li veru qalet dan il-kliem imma sostniet li dan qalitu f'mument ta' rabja u għaldaqstant talbet skuża.

3.4.8 Bil-permess tas-Sinjura Agnes Medati, is-Segretarju Eżekuttiv qal li dalgħodu kellmitu l-istess Sinjura Medati fejn ilmentat miegħu li jekk il-bankina ta' quddiema ssir bil-konkos ma tkun tista tneħħi l-ħmieġ tal-ħamiem. Qal ukoll li qaltlu li rat lis-Sinjuri Anastasi u Formosa fuq is-sit tax-xogħol. Is-Sur Anastasi qal li hi mhux veru rathom imma kien xi ħadd ieħor li qallha li huma kienu hemm. Żied jgħid li s-Sinjura Medati tkellmet mall-ħaddiema fuq il-post. Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lis-Sinjura Medati sabiex ma tintervjenix fuq deċiżjonijiet leġittimi tal-Kunsill.

3.4.9 F'dan l-istadju s-Sindku ċemplet lis-Sur Joe Vella (il-kuntrattur li qed jaħdem fuq il-bankina) fil-preżenza tas-Sinjuri Anastasi u Formosa u qalet li d-deċiżjoni li x-xogħol tal-bankina irrieħdu minnu bħala kuntrattur u mill-Perit. Il-kuntrattur ikkonferma li għandu biżżejjed madum biex jaħdem minn kantuniera ma Triq Msida sa quddiem l-istitut Apap. Is-Sur Anastasi qal li l-perit qallu li hu mexa skond id-deciżjoni tal-Kunsill kif komunikata mis-Segreatrju Eżekuttiv cioe patching.

3.4.10 Is-Sur Sultana qal li hu evidenti li s-Sur Silvio Farrugia qed imexxi l-Kunsill minflok is-Sindku.

3.4.11 F'dan l-istadju (9:30pm) is-Sur Camilleri talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa u ddikjara li kieku baqa fil-laqgħa kien jivvota kontra li l-bankina ssir bil-madum.

3.4.12 Is-Sur Edwin Formosa ippropona li l-Kunsill jafferma d-deċiżjoni li kien ħa b'żieda li l-ispejjeż involuti ikunu a kariku tal-kuntrattur. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Sultana. Il-Kunsill qabel b'żewġ voti favur (is-Sinjuri Formosa u Sultana), vot kontra (is-Sindku) u żewġ astensjonijiet (is-Sinjuri Anastasi u Briffa).

3.4.13 Is-Sindku u s-Sur Briffa ippoponew riżoluzzjoni speċjali biex ibiddlu d-deċiżjoni li ttieħdet fl-aħħar laqgħa u l-bankina ssir bil-madum. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Anastasi. Ir-riżoluzzjoni speċjali ġiet irtirata peress li ma kienetx se tbiddel l-aħħar deċiżjoni li ttieħdet.

3.4.14 Il-laqgħa intemmet fid-9:35pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' April 2010 fis-6pm għat-tkomplija tal-laqgħa. Is-Sur Briffa iddikjara li hu ma jistax jattendi pero ma sab l-ebda oġġezzjoni li l-laqgħa ssir mingħajru.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | | Chairperson |